**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 47 – IT-TNEJN, 15 TA’ ĠUNJU 2015 FIS-5.45 PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 46**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 7.3 għandha tinbidel “Triq is-Sorijiet Franġiskani“ minflok “Triq Karm Longo“. Fil-paragrafu 6.2 għandha tiġi inkluża “għandu jiġi ppreżentat ktieb lill-Kappillan bħala tifkira“.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 41**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Korrispondenza**

3.1 Ġiet innutata korrispondenza fejn ġejna nfurmati li tal-Linja Card mhux ser titqassam mill-Kunsilli imma ser tiġi impustata. Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-kors li qed tattendi waħda mill-istaff tal-Kunsill. Dan il-kors għandu jservi biex isir tagħlim lir-residenti fuq Egov. Ġie deċiż li tieqaf tattendi għal dan il-kors, peress li mhux ser ikun possibli li jigi provdut dan is-servizz mill-kunsill.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-Guard & Warden Service House ser issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju 2015.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi ser issir fit-3 ta' Lulju 2015.

4.3 Ġew innutati numru ta' globi imkissrin fil-Belishia crossing fi Vjal ir-Riħan u Triq in-Naxxar, kif ukoll zebra crossings biz-zebgħa iċċarat. Ġie deċiż li jintbagħtu dawn l-ilmenti lil TM.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Ġie innutat in-nuqqas ta' komunikazzjoni mill-Kumpanija Prisims li ġew avviċinati rigward din il-materja. Ġie deċiż li ma jintużawx is-servizzi ta' din il-kumpanija u minflok jibdew id-diskussjonijiet mal-Kumpanija Valletta Legal.

4.5 Is-Sindku nforma lis-Sur Malcolm Abdilla li hu qed joffrilu l-kariga tal-widien u t-toroq mhux urbani. Is-Sur Abdilla għandu jaħsibha fuq din u jirrispondi fuqha.

**5 Aġġudikazzjoni Kwotazzjonijiet u Tenders**

5.1 *Tender Domestic Waste Collection*. Kien hemm diskussjoni fuq din l-offerta li kienu ġew sottomessi 5 offerti. Ġie innutat ir-rapport tal-Perit kif ukoll xi fatturi oħra. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta tal-Kumpanija Waste Collection Ltd peress li din kienet l-għażla ppreferuta fir-rapport tal-Perit ibbażata 60% speċifikazzjonijiet u 40% finanzjarament. Is-Sur Dominc Cassar issekonda. Kien hemm 6 favur u 2 astensjoni.

5.1.1 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hi astjenjiet minħabba li kellu jkun preżenti l-Perit waqt il-laqgħa.

5.2 *Kwotazzjoni Noticeboards għal Kappara*. Ġie innutat li kien hemm kwotazzjoni waħda, il-Kumpanija Medalls Ltd. Ġie innutat ukoll li l-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara rrakomanda li tintgħażel din l-offerta. Kien hemm qbil unanimu li tintgħażel din l-offerta.

5.3 *Kwotazzjoni Manutenzjoni tal-Gnien G M Camilleri*. Ġie innutat li kien hemm 4 offerti għal din il-kwotazzjoni. Ġie innutat li l-Kumitat Amministratativ tal-Kappara rrakomanda li tintgħażel l-irħas offerta, dik tal-Kumpanija Twish Co Ltd. Kien hemm qbil unanimu li tintgħażel din l-offerta

5.4 *Tender Gonna u Softareas.* Ġie innutat diffikultà fil-ftuħ ta' din it-tender. Kien hemm 5 offerti, imma waħda, dik tal-kumpanijia ELC ma kelliex l-offerta tagħha f'anness 5 imma f'parti oħra tad-dokument. Din ma nstabitx minnufih u t-tender schedule ħarġet bl-ammont Nil ħdejn din il-Kumpanija. Il-Kunsill talab direzzjoni mid-Direttur tal-Gvern Lokali. Ġie deċiż li din tiġi posposta għal-laqgħa oħra u tintbagħat reminder lid-Direttur.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex jinxtraw stickers tal-arloġġi biex jitwaħħlu fuq it-tabelli tat-timed parking. Kien hemm qbil fuq dan. Hu nforma lill-Kunsill li r-reserved parking li sar illegalment fi Triq Bellavista tneħħa. Kien hemm diskussjoni fuq Misraħ il-Ward. Ġie deċiż li ssir BOQ mill-Perit tal-Kunsill biex jiġi rranġat dan il-ġnien.

6.1.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hu għamel site visit fi Triq J F Marks u ma sab ebda ostaklu. Hu ġab ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill l-istruttura illegali fejn il-Kappella tal-Prepostru minn individwu li okkupa wkoll biċċa art illegalment. Ġie deċiż li terġa' tintbagħat komunikazzjoni lill-GPD u lill-Pulizija fuq din.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li waslu ż-żewġ bnadar il-kbar, waħda minnhom imħallsa mill-latrine attendent. Hi pproponiet li jinxtraw 12-il bandiera ta' San Gwann, id-daqs tal-uffiċċju kif ukoll tliet standarti bi tliet ibnadar, ta' Malta, tal-EU u ta' San Ġwann. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sur Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.00pm.

6.2.1 Wara diskussjoni ġie deċiż li jinxtraw 1000 sticker bil-logo tal-Kunsill u jinkrew 2 standarti, jekk ma jiġux imselfin għall-użu ta' Jum San Ġwann fit-23 ta' Ġunju 2015.

6.3 Is-Sur Malcolm Abdilla fakkar li kellhom jinbidlu żewġ tabelli tal-un/loading fi Triq is-Santwarju. Hu talab biex jinbidlu s-sinjali tal-parkeġġ peress li fejn kien hemm garage issa sar ħanut. Għandha ssir site visit mas-Sur Neville Mallia fuq din.

6.4 Ġie deċiż li jinxtraw żewġ bowsers ilma għal Triq Birkirkara biex jiġi eliminat it-trabijiet li hemm wara li sar xogħol tat-trinek.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn,13 ta' Lulju 2015 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |